MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 182/2009

**A B**

**-vs-**

**C D li b'digriet tat-2 ta' Lulju 2009 giet nominata bhala kuratrici ad litem sabiex tirraprezenta lill-minuri E B; Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi r-rikorrent A B u l-intimata C D kellhom relazzjoni flimkien (mhux fiz-zwieg), u tul din ir-relazzjoni twieldet il-minuri E B fit-23 ta' Lulju 2007, certifikat tat-twelid qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument A.

Illi r-rikorrent kien gieh suspett illi l-minuri setghet ma kinitx bintu naturali, u difatti wara li saru t-testijiet medici relattivi hekk irrizulta, skond ma hu konfermat mid-Dokument B anness.

Illi r-rikorrent ma jridx illi jibqa' jidher li hu missier il-minuri fuq ic-certifikat tat-twelid, meta l-att tat twelid ma jirriflettix la r-realta' biologika u lanqas dik socjali.

Illi stante li t-terminu indikat fl-ewwel parti tal-artikolu 73 tal-Kap. 16 li fih ir-rikorrent seta' jichad li jaghraf lit-tifla bhala bintu ghadda, ir-rikorrent talab u ottjena ai termini tal-proviso tal-istess artikolu l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jibda din il-kawza biex jichad bhala bintu lill-minuri E B, skond ma jirrizulta mid-digriet relattiv li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument C.

Illi r-rikorrent irid jichad milli jaghraf lill-minuri E B bhala bintu naturali u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara li l-minuri E B m'hijiex il-wild naturali tar-rikorrent u li r-rikorrent m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri.

Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri E B, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem "A B", in-numru tal-karta tal-identita' tar-rikorrent, il-professjoni jew sengha tar-rikorrent, l-eta', il-post tat-twelid u residenza tar-rikorrent kif ukoll isem u kunjom missier ir-rikorrent, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba u jekk jehtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

L-ispejjez kontra l-intimata C D li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta’ C D fejn din ammettiet l-ewwel talba fir-rikors promotur u kkonfermat li ma tistax twiegeb ghat-tieni talba.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament, l-esponent jirrileva li hu assolutament m’huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-mertu huwa jirrimetti ruhu ghall-atti processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

Illi subordinatament f’kaz li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet kollha tar-rikorrent u b’hekk jigu mnehhija d-dettalji kollha tar-rikorrent mill-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 2371 tas-sena 2007, ikun hemm il-htiega li l-minuri E tassumi kunjom xbubit l-omm minflok dak tar-rikorrent u dan minhabba l-fatt li wahda mill-effetti ta’ din l-azzjoni f’kaz ta’ ezitu pozittiv huwa li l-minuri E implicitament tigi dikjarata bhala wild ta’ missier mhux maghruf;

Illi inoltre mill-Att tat-Twelid de quo ghandhom jigu mhassra ukoll il-kliem ‘The Father’ mir-ringiela fejn hemm indikat min ghamel id-dikjarazzjoni;

Illi in konkluzjoni bla hsara ghal dak succepit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m’hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tal-esponent specjalment tenut kont li kienu A B u C D infushom li kienu d-dikjaranti fl-att tat-twelid fuq imsemmi. Per conseguenza fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi, id-Direttur tar-Registru Pubbliku m’ghandux ibati ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza A B qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara illi huwa m’huwiex missier naturali ta’ E B kif juri c-certifikat tat-twelid tal-istess minuri.

Jirrizulta mill-provi li A B u C D kellhom relazzjoni bejniethom li minnha twieldu zewgt itfal. Jirrizulta pruvat bla dubju illi wahda minn dawn it-tfal, cioe’ E m’hijiex wild naturali ta’ A B ghalkemm giet ufficjalment registrata bhala tali. Dan il-fatt huwa konfermat mir-rizultati tal-ezamijiet xjentifici esegwiti mill-Ispizjara Marisa Cassar u minnha konfermati bil-gurament quddiem il-Qorti.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri E li twieldet fit-23 ta’ Lulju 2007 m’hijiex wild naturali ta’ A B.

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex fl-Att tat-Twelid tal-imsemmija E li jgib Nru. 2371/07 jigu mnehhija d-dettalji kollha tar-rikorrent mill-kolonna tad-dettalji tal-missier u minflok jitnizzel li t-tarbija hija wild missier mhux maghruf. Il-kunjom B m’ghandux jibqa’ mnizzel bhala kunjom it-tarbija u ukoll mir-ringiela bid-dettalji ta’ min ghamel id-dikjarazzjoni ghandhom jithassru l-kliem “the father”.  Kunjom il-minuri m’ghandux jibqa’ B.*

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati minn C D.

**Moqrija.**

* L-ahhar sentenza mizjuda b’digriet moghti mill-Onor. Imhallef Felice fil-25 ta’ Gunju 2010 wara rikors tal-attur datat 8 ta’ Gunju 2010.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------